MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta' Settembru 2024**

**Kumpilazzjoni Nru. 736/2024**
**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**

**vs**

**Renald Hayman**
**Karta tal-Identita' bin-numru 4182M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Renald Hayman li ġie akkużat talli nhar id-09 ta' Settembru 2024 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, f'diversi hinijet differenti gewwa diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer Maltin ;

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Priscilla Gauci (siehba tieghu ta' qabel) biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), liema delitt twettaq kontra l-konjugi ta' qabel u/jew fil-prezenza ta' minuri u dan bi ksur ta' artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.
2. Gab ruhu b'mod li ta fastidju, jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju lil Priscilla Gauci (siehba tieghu ta' qabel) u dan bi ksur ta' artikolu 251A (1)(a); 251A (4); 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3. Gab ruhu b'mod li ta fastidju, jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju lil Chaylise Pace (tifla tieghu) u dan bi ksur ta' artikolu 251A (1)(a); 251A (4); 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.
4. Ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Chaylise Pace u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodici Kriminali.
5. Ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Priscilla Gauci u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal-kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjon u d-difiża illi l-piena idonea tkun waħda mhux karċerarja. Pero` hemm bżonn ukoll illi l-imputat jiġi segwit b'Ordni ta' Trattament minħabba abbuż ta' alkoħol.

Illi l-Qorti wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni hija disposta li tagħti lill-imputat ċans biex itejjeb ħajtu, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li kien qiegħed jiffaċċja. Madanakollu l-Qorti tosserva illi l-imputat diġa' ngħata opportunitajiet minn dawn il-Qrati fil-passat u għalhekk irid jifhem li din tista' tkun l-aħħar opportunita` biex ibiddel ir-rotta ta' ħajtu u ma tittiħidlux il-liberta` personali tiegħu.

Illi fir-rigward tat-talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin, l-istess Ordni se tkun qed tinħareġ biss sabiex tiġi kawtelata Priscilla Gauci stante li Chaylise Pace tiġi t-tifla tal-

imputat u mill-informazzjoni li l-Qorti kisbet mill-Prosekuzzjoni ma hemmx lok li tinħareġ Ordni ta' Trazzin sabiex tiġi kawtelata.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 202 (h), 251A (1) (a), 251A (4), 251B (1), 251B (2), 251H, 251HA u 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Renald Hayman** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation.

Il-Qorti qiegħda wkoll tpoġġi lill-imputat taħt **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minnha.

Fl-aħħarnett, ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda toħroġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-ħati sabiex tiġi kawtelata Prisicilla Gauci u dana bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jiffurmaw parti ntegrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**